MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2009

Numru 173/2008

**Il-Pulizija**
**Spettur Therese Sciberras**

**vs**

**Marvin Keith Formosa**
**Joseph Falzon**

Il-Qorti;

Rat li l-imputati Marvin Keith Formosa ta’ 24 sena mwieled fit-28 ta’ Awwissu 1983, United Kingdom, bin Victor u Maria Assunta k/a May nee’ Debono u residenti f’ no 47 Carmel Flats no 2 Triq Salvu Psaila, B’Kara u detentur tal-karta tal-identita’ numru 139788(M) u l-imputat Joseph Falzon ta’ 40 sena mwieled fil-15 ta’ Awwissu 1967, Pieta’, bin Peter u Mary nee’ Gatt u residenti f’ no 38 Triq Salvu Psaila, B’Kara u detentur tal-karta tal-identita’ numru 333467(M) gew mressqa quddiemha akkuzati talli :

F’dawn il-Gzejjer, bejn 1 ta’ Jannar 2008 u t-28 ta’ Jannar 2008 f’ xi hin ikkommettew serq ta’ valur aktar minn Lm50 u inqas minn Lm1000 ghad-detriment ta’ terzi persuni liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 18 ta’ April 2008 (esebit a fol. 20 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputati waqt l-ezami li sarilhom fis-seduta tat-23 ta’ Mejju 2008 iddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi ;

Semghat it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti ta’ dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Fit-28 ta Frar 2008 il-Pulizija tal-Qawra rceviet rapport minghand certu George Despott li kienet insterqitlu dghajsa zghira li kellu moored mal-srt il-Veccja, San Pawl il-Bahar u liema dghajsa huwa kien juza sabiex johrog ghal dghajsa akbar li kellu. Huwa inoltre qal lil Pulizija li terzi persuni kienu qalulu li kienu raw liz-zewg imputati odjerni jiehdu id-dghajsa tieghu u dghajsa ohra mix-Xemxija. Meta l-Pulizija kelmet liz-zewg imputati (ara stqarrijiet relattivi esebiti a fol. 21 sa 23 huma mill-ewwel ammettew li kienu hadu dawn iz-zewg dghajjes. Huma spjegaw li kienu ghaddejjin mix-Xemxija filghaxija u nizlu hdejn il-bahar u raw dawn iz-zewg dghajjes u ddecidew li jehduhom. Qalu li ghabbew id-dghajjes fuq vann propjeta’ tan-nannu ta’ wiehed minnhom u haduhom wahda f’garaxx propjeta’ ta’ Formosa u l-ohra f’garaxx propjeta’ ta’ Falzon. Iz-zewg imputati it-tnejn qalu li li kienu hadu id-dghajjes izda ma serquhomx u qalu li fis-sajf kienu ser imorru ix-Xemxija u jaraw ta’ min huma dawn id-dghajjes. Huma ammettew li ma kienu ghamlu ebda rapport lil Pulizija li sabu dawn id-

dghajjes. Iz-zewg imputati ikkonfermaw din il-verzjoni tal-fatti meta xehdu quddiem din il-Qorti fl-udjenza tat-12 ta' Marzu 2009. Mill-provi rrizulta li fiz-zmien li l-imputati hadu id-dghajjes kien ghamel maltemp kbir u kienu tkissru xi dghajjes.

Ikkunsidrat:

Illi f'dan il-kaz il-Prosekuzzjoni u d-Difiza qed jaqblu dwar il-fatti u cioe' li z-zewg imputati effettivament hadu d-dghajjes, li rikbuhom fil-vettura taghhom u haduhom fil-garaxxijiet rispettivi taghhom. Qed jaqblu wkoll li l-imputati ma ghamlu ebda rapport lil Pulizija dwar is-sejbien ta' dawn iz-zewg dghajjes. Id-Difiza izda issostni li l-fatti ta' dan il-kaz ma jinkwadrawx ruhhom fir-reat ta' serq stante li l-imputati ma kellhomx l-intenzjoni li jisirqu dawn id-dghajjes. Il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjonijiet maghmula mid-Difiza f'dan ir-rigward u jidrilha li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova sal-grad rikjest mill-ligi li l-imputati fil-fatt serqu l-imsemmija dghajjes u dan qed jinghad ghal diversi ragunijiet. Mill-provi fil-fatt irrizulta li z-zewg dghajjes kienu marbutin b'habel jew katnazz qabel ma ttiehdu mill-imputati. L-imputati ghalhekk kienu ben konxji li dawn id-dghajjes jappartjenu lil xi hadd ghaliex huma raw il-katnazz u l-habel u fil-fatt huma stess qalu li kienu ser izommu id-dghajjes sas-sajf u mbaghad jaraw ta' min huma. Il-Qorti jidrilha li kieku din kienet verament l-intenzjoni taghhom huma kienu jaghmlu rapport lil Pulizija sabiex jnfurmawhom dwar is-sejbien tad-dghajjes. Inoltre mill-provi rrizulta wkoll li l-imputati ikkancellaw xi sinjali ta' identifikazzjoni li kien hemm fuq id-dghajsa propjeta' ta' George Desoptt u dan jindika ulterjorment li l-intenzjoni taz-zewg imputati kienet li jiehdu id-dghajjes li kienu jafu li jappartjenu lil haddiehor sabiex huma jzommuhom. Mill-istqarrija ta' Joseph Falzon jirrizulta fil-fatt li huwa qal lil Pulizija li l-ko-akkuzat Formosa meta raw id-dghajjes qallu li d-dghajsa iz-zghira seta' jutilizzaha sabiex jaccedi ghad-dghajsa tieghu. Din hija prova ulterjuri ta' x'kienet l-intenzjoni taz-zewg imputati fil-mument li huma hadu id-dghajjes. F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghal dak li intqal f'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-18

ta Novembru 2001 fil-kawza fl-ismijiet 'Pulizija vs George Ebejer' fejn il-Qorti qalet is-segwenti:-

*" Hu principju minn zmien adottat fil-gurisprudenza maltija, illi min japproprija ruhu minn oggett li jkun sab f' cirkustanzi tali li juru li dak l-oggetti ghandu sidu u ma giex abbandunat, li ma hux, cjoe' la "res nullius" u lanqas "res derelicta", jikkommetti serq ta' dak l-oggett.*

*Dan ir-reat ma jikkostitwix il-kontravervenzjoni ta' min isib hwejjeg li jkunu naqsu lil xi persuna, jew li din tkun tilfet u ma jgharrafx bihom fi zmien tliet ijiem lill-Pulizija Ezekuttiva; imma hu reat ta' serq.*

*Imma ghall-integrazzjoni ta' dan ir-reat mhux bizzejjed l-element tan-nuqqas tal-konsenja tal-haga misjuba lill-Pulizija fiz-zmien preskritt mill-ligi, "stealing by finding" imma jehtieg ukoll li mic-cirkustanzi tirrizulta l-intenzjoni tal-approprijazzjoni*."

Fil-fehma tal-Qorti l-fatti ta' dan il-kaz jinkwadraw ruhhom fir-reat tas-serq ghaliex l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova li fil-mument li l-imputati hadu z-zewg dghajjes huma kienu jafu li dawn ma kienux gew abbandunati u li kienu jappartjenu lil xi hadd izda huma approfittaw ruhhom mis-sitwazzjoni tal-maltemp u hadu id-dghajjes sabiex izommuhom a skapitu tal-propjetarji tal-istess dghajjes. Li kieku verament l-imputati hadu dawn id-dghajjes sabiex isalvawhom mill-gharar u jirritornawhom lil sidhom huma kienu jaghmlu rapport lil Pulizija dwar is-sejbien tal-imsemmija dghajjes.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-ko-operazzjoni shiha tal-imputati fil-kors tal-investigazzjonijiet fejn huma mill-ewwel ammettew lil Pulizija li kienu hadu l-imsemmija dghajjes u inidkawlhom  fejn kienu jinsabu u kkonsenjaw l-istess dghajjes lil Pulizija. Il-Qorti rat ukoll li il-fedina penali tal-imputat Marvin Fromosa hija wahda netta filwaqt li dik tal-imputat Falzon hija relattivament netta u jidrilha li fic-cirkostanzi ghandha tapplika l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfronti taghhom.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261 u 267 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti tiddikjara li qed issib lill-imputati hatja tal-akkuza migjuba fil-konfronti taghhom u b’ applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jikkommettux reat iehor sa zmien sentejn (2) millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------